



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-26 ta' Jannar 2016

It-trattament tal-kriżi finanzjarja mill-Kummissjoni kien "ġeneralment dgħajfef", jgħidu l-Awdituri tal-UE

Il-Kummissjoni Ewropea ma kinitx ippreparata għall-ewwel talbiet għal assistenza finanzjarja matul il-kriżi finanzjarja tal-2008 għaliex ħadd ma kien induna bis-sinjali ta' twissija, skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-awdituri sabu li l-Kummissjoni tabilħaqq irnexxielha timmaniġġja l-programmi ta' assistenza li għabu magħhom ir-riforma, minkejja n-nuqqas ta' esperjenza tagħha, u huma jiġbdu l-attenzjoni għal għadd ta' eżiti pożittivi. Iżda huma jidentifikaw ukoll bosta oqsma ta' tħassib relatati mat-trattament "ġeneralment dgħajfef" tal-kriżi mill-Kummissjoni: pajjiżi ttrattati b'mod differenti, kontroll tal-kwalità limitat, monitoraġġ dgħajfef tal-implimentazzjoni u nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni.

"L-effetti tal-kriżi għadhom qed jinħassu llum u, minn dak iż-żmien sa issa, il-programmi riżultanti ta' self ammontaw għal biljuni ta' euro," qal is-Sur Baudilio Tomé Muguruza, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Għalhekk, huwa essenzjali li nitgħallmu mill-iżbalji li saru".

L-awdituri analizzaw il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-assistenza finanzjarja pprovduta lil ħames Stati Membri - l-Ungerija, il-Latvja, ir-Rumanija, l-Irlanda u l-Portugall. Huma sabu li l-Kummissjoni rnexxielha tassumi d-dmirijiet il-ġodda tagħha relatati mal-ġestjoni; fid-dawl tar-restrizzjonijiet ta' żmien, huma jgħidu, din kienet kisba kbira. Hi u tiżvolġi l-kriżi, il-Kummissjoni ggwidat dejjem aktar il-kompetenzi interni u kienet f'kuntatt ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fil-pajjiżi kkonċernati. Riformi li ġew aktar tard introduċew ukoll sorveljanza makroekonomika aħjar.

Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għal għadd ta' eżiti pożittivi importanti, ir-rapport dettaljat tal-awditjar jidentifika erba' oqsma ta' tħassib dwar it-trattament tal-kriżi mill-Kummissjoni; l-approċċi differenti użati, il-kontroll tal-kwalità limitat, il-monitoraġġ dgħajfef u n-nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni.

Eżiti pożittivi importanti: l-awdituri nnutaw li l-programmi tabilħaqq issodisfaw l-oġettivi tagħhom. Fil-biċċa l-kbira, il-miri riveduti tad-defiċit intlaħqu. Id-defiċit strutturali tjejb, għalkemm b'ritmu li kien iwarja. L-Istati Membri kkonformaw mal-biċċa l-kbira mill-kundizzjonijiet issettjati fil-programmi tagħhom, għalkemm b'xi

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Spokesperson T: (+352) 4398 47063

Damijan Fišer – Press Officer T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

tidwim. Il-programmi rnexxielhom iqanqlu riformi. Fil-biċċa l-kbira, il-pajjiżi komplew bir-riformi li kienu meħtieġa mill-kundizzjonijiet tal-programmi, u f'erbgħa mill-ħames pajjiżi, il-kont kurrenti aġġusta aktar malajr milli mistenni.

Approċċi differenti: L-awdituri sabu bosta eżempji ta' pajjiżi li ma kinux qed jiġu ttrattati bl-istess mod f'sitwazzjoni kumparabbli. F'xi programmi, il-kundizzjonijiet għall-assistenza kienu inqas stretti, u dan għamel il-konformità aktar faċli. Ir-riformi strutturali meħtieġa ma kinux dejjem proporzjonali għall-problemi ffaċċjati, jew inkella segwew mogħdijiet li, b'mod mifruq, kienu differenti ħafna. Il-miri tad-defiċit ta' xi pajjiżi kienu aktar laxki milli kien jidher li kien iġġustifikat mis-sitwazzjoni ekonomika.

Kontroll tal-kwalità limitat: L-eżaminar tad-dokumenti ewlenin mit-timijiet tal-programmi tal-Kummissjoni kien insuffiċjenti f'bosta aspetti. Il-kalkoli ta' bażi ma ġewx eżaminati barra mit-tim, il-ħidma tal-esperti ma ġietx skrutinizzata bir-reqqa u l-proċess ta' eżaminar ma ġiex dokumentat tajjeb.

Monitoraġġ dgħajjef: il-Kummissjoni użat miri tad-defiċit ibbażat fuq id-dovuti. Il-kisbiet tagħhom jistgħu jiġu osservati biss wara li jkun għadda ċertu żmien. Huma jiżguraw konsistenza mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, iżda meta tkun trid tittieħed deċiżjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni ma kunx tista' tirrapporta b'ċertezza dwar jekk l-Istat Membru jkunx fil-fatt issodisfa l-mira.

Nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni: il-Kummissjoni użat għodda eżistenti ta' previżjoni, ibbażata fuq l-ispreadsheets, li kienet pjuttost ingombranti. Id-dokumentazzjoni ma kinitx immirata biex wieħed imur lura fiż-żmien biex jevalwa d-deċiżjonijiet meħuda. Id-disponibbiltà tar-rekords tjiebet iżda, anke għall-programmi l-aktar reċenti, xi dokumenti ewlenin kienu neqsin. Il-kundizzjonijiet fil-memoranda ta' qbil mhux dejjem kienu ffukati biżżejjed fuq il-kundizzjonijiet ġenerali tal-politika ekonomika ssettjati mill-Kunsill.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea għandha:

- tistabbilixxi qafas fl-istituzzjonijiet kollha li jippermetti li l-persunal u l-kompetenzi jiġu mobilizzati rapidament jekk jitfaċċa programm ta' assistenza finanzjarja
- tissuġġetta l-proċess ta' previżjoni tagħha għal kontroll tal-kwalità aktar sistematiku
- issaħħaħ iż-żamma ta' rekords u teħodha inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-kwalità
- tiżgura proċeduri xierqa għall-analiżi kemm tal-kwalità tal-ġestjoni tal-programmi kif ukoll tal-kontenut
- tinkludi fatturi varjabbli fil-memoranda ta' qbil li hija tista' tiġbor b'intervalli latenti qosra
- tiddistingwi l-kundizzjonijiet skont l-importanza u timmira lejn ir-riformi li jkunu verament importanti
- tifformalizza l-kooperazzjoni interistituzzjonali ma' sħab oħra tal-programmi
- tagħmel il-proċess ta' ġestjoni tad-dejn aktar trasparenti
- tanalizza aktar l-aspetti ewlenin tal-aġġustament tal-pajjiżi wara għeluq il-programmi.

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2015: **Assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet** huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE. Biex tara n-Noti lill-edituri, irreferi għall-paġna li jmiss.

Noti lill-Edituri

Fl-2008, l-Ewropa ffaċċjat kriżi finanzjarja li nbidlet fi kriżi tad-dejn sovrani. Il-kriżi tad-dejn sovrani kienet konsegwenza ta' diversi fatturi, li jinkludu superviżjoni bankarja dgħajfa, politiki fiskali foqra, u d-diffikultajiet esperjenzati minn istituzzjonijiet finanzjarji kbar (u l-ispejjeż għas-salvataġġ konsegwenti mġarrba mill-pubbliku ġenerali). Il-kriżi nfirxet fl-Istati Membri tal-UE f'żewġ fażijiet, fejn l-ewwel fażi affettwat il-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro fl-2008-2009 u aktar tard infirxet għaż-żona tal-euro nfisha. B'kolloxx, tmien Stati Membri tal-UE kellhom ifittxu assistenza makrofinanzjarja - l-Ungerija, il-Latvja, ir-Rumanija, l-Irlanda, il-Portugall, il-Greċja, Spanja u Ċipru.

Ambitu tal-awditu

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2015 "Assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet" eżamina jekk il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-programmi ta' assistenza finanzjarja kinitx xierqa. Huwa għamel il-mistoqsijiet li ġejjin: (i) Ir-riskji fiskali li kienu dejjem qed jikbru ġew identifikati f'waqthom? (ii) Il-proċessi tfasslu tajjeb biżżejjed biex joffru input komprensiv għad-deċiżjonijiet dwar il-programmi? (iii) Il-Kummissjoni ssejlfet bl-aħjar rati possibbli u skont l-aħjar prattiki ta' ħruġ tad-dejn? (iv) Il-programmi ta' assistenza finanzjarja laħqu l-oġettivi prinċipali tagħhom?

Huwa ma awditjax id-deċiżjonijiet meħuda fil-livell politiku tal-UE. Huwa ma qiesx ix-xenarju kontrofattwali ta' ebda assistenza finanzjarja u lanqas il-fattibbiltà tar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet b'mezzi oħra. Lanqas ma vvaluta s-sostenibbiltà tad-dejn jew il-probabbiltà li s-selfiet jitħallsu lura. Huwa ma evalwax jekk il-Kunsill kienx għażel il-miri tad-defiċit l-aktar xierqa jew il-kundizzjonijiet strutturali l-aktar xierqa biex jегħleb il-kriżi. Meta kien qed jawditja l-kooperazzjoni tal-Kummissjoni ma' sħab oħra, huwa ma vvalutax jekk l-involviment tagħhom kienx iġġustifikat.

L-Ungerija

Fil-bidu ta' Ottubru 2008, il-falliment tal-Lehman Brothers iġġenera bidla negattiva fis-sentiment tal-investituri. Dan wassal għal-likwidazzjoni ta' titoli tal-Gvern, irkant fallut ta' bonds, u deprezzament qawwi tal-munita. L-istress fis-swieq tal-kambju wassal għal pressjonijiet ta' likwidità fil-banek, li ffaċċjaw diffikultajiet biex jirrifinanzjaw swaps tal-valuti skont ir-rata tal-kambju. L-Ungerija talbet l-assistenza finanzjarja minħabba t-tħassib li l-paniku li kien qed jikber kien se jħarbat il-mekkaniżmi biżżejjed biex jikkaġuna tfixkil għalgħarrieda fil-kapaċità ta' finanzjament estern tal-Ungerija.

Il-Latvja

Matul it-tliet xhur qabel it-talba għall-assistenza, id-depożiti kienu niżli b'10 %. Dan beda b'assalt fuq il-Bank Parex, li kellu problemi serji ta' likwidità wara li tilef aktar minn kwart tad-depożiti tiegħu. Fl-istess perjodu, ir-riżervi uffiċjali niżli bi kważi 20 % billi l-bank ċentrali biegħ il-munita barranija biex jiddefendi l-livell attribwit lill-munita. F'Novembru 2008, il-Gvern iddeċieda li jintervieni u jinnazzjonalizza l-Bank Parex. F'Diċembru, il-Gvern impona restrizzjonijiet fuq il-ġbid ta' depożiti mill-Parex. Skont il-Prim Ministru, il-Latvja kienet teħtieġ assistenza finanzjarja għal tliet raġunijiet: biex timmaniġġja l-Bank Parex, biex tiffinanzja d-defiċit baġitarju, u biex tistabilizza s-suq finanzjarju. It-tħassib dejjem jizjed rigward is-sistema finanzjarja u d-dejn estern tal-Latvja rriżulta fil-bilanċ tal-pagamenti u fil-kriżi bankarja.

Ir-Rumanija

Mal-bidu tal-kriżi finanzjarja globali tal-2008, is-swieq finanzjarji domestiċi u s-sistema bankarja spiċċaw taħt

stress qawwi. L-aċċess għal finanzjament estern kien limitat, li wassal għal żieda qawwija fir-rati tal-imgħax. It-tnaqqis fir-ritmu tal-flussi ta' kapital wassal għal deprezzament kbir ta' aktar minn 15 % fir-rata tal-kambju, u dan iddeterjora l-kwalità tal-assi u dgħajjef aktar il-karti tal-bilanċ tal-banek. Il-bank ċentrali interviena biex jistabbilizza l-leu Rumani. Il-klassifikazzjoni tal-kreditu tar-Rumanija tnaqqset fil-grad għal taħt dak ta' investiment, li rriżulta f'żieda kemm tal-primjum tar-riskju kif ukoll tal-ispejjeż għat-teħid ta' self. Ir-rendimenti tal-bonds tal-Gvern għolew għal 9 %. Fi sfond ta' averżjoni għar-riskju li kienet żdiedet b'mod qawwi, pressjonijiet akbar fuq ir-rata tal-kambju, u ta' aċċess dejjem aktar ristrett għas-suq tal-bonds għat-teħid ta' self pubbliku, l-awtoritajiet Rumani għamlu talba għal assistenza finanzjarja f'Marzu 2009.

L-Irlanda

Minn tmiem l-2007 'l quddiem, il-fiduċja tal-investituri fis-settur tal-proprjetà fl-Irlanda kienet evaporat fost tħassib dwar provvista eċċessiva u l-bużżeġa tal-prezzijiet. Dan ħalla lill-Irlanda b'żewġ problemi li kellha tiffaċċja: tnaqqis qawwi fid-dħul ċikliku relatat mal-kostruzzjoni, u t-tfaċċar għalgħarrieda ta' telf kbir fis-sistema bankarja domestika. Fl-2008-2010, l-Irlanda kienet ħadet miżuri kbar biex issaħħaħ is-settur bankarju tagħha. Hija pprovdiet garanziji tal-Gvern għal obligazzjonijiet tal-banek domestiċi. Hija injettat kapital li kien jammonta għal aktar minn 20 % tal-PDG tagħha fis-settur bankarju. In-National Asset Management Agency ħadet f'idejha l-assi tal-art u tal-iżvilupp tal-proprjetà li kienu jinsabu f'diffikultà. Madankollu, l-obbligi tal-Gvern lejn is-settur finanzjarju kienu wasslu għal differenzi fir-rendimenti tal-bonds tal-Gvern li laħqu livelli storiċi u sinifikattivament naqqsu l-aċċess tal-pajjiż għas-suq.

Il-Portugall

Il-perjodu qabel it-talba għall-assistenza finanzjarja kien ikkaratterizzat minn żviluppi sfavorevoli fil-finanzi pubbliċi u prospettiva ekonomika li kienet sejra għall-aġar. Dan wassal għal deterjorament tal-fiduċja u għal pressjonijiet tas-suq dejjem jiżdiedu fuq id-dejn Portugiż, li kienu aċċentwati bl-iżviluppi negattivi fis-swieq tal-bonds sovrani taż-żona tal-euro. Billi l-aċċess għas-swieq sar iktar strett, il-Gvern irrikorra dejjem aktar għal ħruġ ta' titoli fuq terminu iqsar u għal tipi oħra ta' finanzjament (bħal pjazzament privat, ħarġiet sindakati u finanzjament sostanzjali fuq terminu qasir minn banek domestiċi). Fil-bidu ta' Mejju 2011, id-differenzi fir-rendimenti ta' bonds Portugiżi ta' 10 snin imqabbla mal-Bunds żdiedu għal 650 punt bażi. Fost it-tnaqqis konsekuttiv fil-grad tal-bonds sovrani tiegħu mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-Portugall ma baqax f'pożizzjoni li jagħmel awtofinanzjament b'rati kompatibbli mas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu twil.

Il-Greċja

L-assistenza tal-UE lill-Greċja matul il-kriżi se titqies f'żewġ rapporti speċjali separati li għandhom jiġu ppubblikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: (i) valutazzjoni ta' jekk l-Assistenza Teknika kkoordinata mill-Kummissjoni kkontribwietx b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni tal-programmi u għall-proċess ta' riforma tal-Greċja, li għandu jiġi ppubblikat fl-ewwel tliet xhur tal-2016 u, aktar tard (ii) valutazzjoni tat-tfassil, il-monitoraġġ u r-riżultati tal-programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja.